MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 99/2011

**A B**

**vs**

**C D H K u b'digriet tal-25 ta' Mejju 2011 l-Avukat Dottor Joseph Ellis u il-PL Hilda Ellul Mercer gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw il-minuri N D,**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

1. Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Settembru, elfejn u tlieta (2003) twieldet mir-relazzjoni bejnu l-intimata H K il-minuri N D skont l-Att tat-Twelid hawn anness immarkat bhala Dokument ‘A’;
2. Illi peress li fid-data tat-twelid tal-imsemmija minuri N D , l-intimata H K kienet ghadha ma kkonkludietx il-proceduri ta’ firda personali taghha minn ma zewgha l-intimat C D, minkejja li matul dak iz-zmien ma kienitx tghammar u l-anqas ma kellha x’taqsam ma zewgha l-intimat C D, il-minuri giet registrata fir-Registru Pubbliku fl-Att tat-Twelid taht missier C D;
3. Illi in vista ta’ dak premess fl-ewwel paragrafu surreferit l-esponenti ghandu kull interess illi jirrikonoxxi lill-minuri N D bhala l-wild naturali tieghu;
4. Illi konsegwentement jehtieg illi jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-istess att ta’ twelid surreferit sabiex dan ikun jirrifletti dak hawn fuq premess, fost ohrajn, billi id-dettalji ossija konnotati ta’ C D jigu sostitwiti bid-dettalji ossija konnotati tar-rikorrenti A B iben imwieled l-Awstralja u residenti Valletta;
5. Illi kontestwalment, ir-rikorrenit qieghed jipprezenta rikors sabiex jinhatru kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri N D;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni ohra li jidhrilha xierqa:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-missier naturali ta’ N D huwa r-rikorrenti A B u mhux l-intimat C D kif erronjament indikat fl-att ta’ registrazzjoni bin-numru tlieta  sitta tnejn disgha tas-sena elfejn u tlieta (2003) (3629/2003);
(2) Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-istess att ta’ twelid surreferit sabiex dan ikun jirrifletti dak hawn fuq premess, fost ohrajn, billi id-dettalji ossija konnotati ta’ C D jigu sostitwiti bid-dettalji ossija konnotati tar-rikorrenti A B;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi in vena preliminari jingħad li *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri N D, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri N D, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għall-proċediment tal-azzjoni odjerna.

2. Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri N D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jrid jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri N D, l-intimata H K kienet wettqet adulterju mal-attur A B u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jeskludu lir-raġel tal-intimata C D bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri N, u dan *ai termini* tal-**artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juru li l-pussess ta' stat tal-minuri N D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;

5. Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*<u>the said</u>*' li jinsabu qabel isem C D, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 3629 tas-sena 2003;

6. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l- esponenti jinvita lill-istess A B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri N D, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla N D. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita N D;

7. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti il-minuri N D trid tagħżel liema kunjom ħa żżomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

8. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li in forza taghha eccepew :

1. Illi huma, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri N D mhumiex prezentement edotti mill-

fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant jirrizervaw illi jdahhlu eccezzjoniijiet ulterjuri aktar ‘il quddiem;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tar-rikorrent relatata mal-paternita’ tal-minuri N D *stante* li l-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri twieldet nhar il-25 ta’ Settembru 2003[1] u cioe’ fi zmien meta l-intimata u zewgha C D kienu ghadhom legalment mizzewgin, effettivament il-minuri hija bintu naturali u mhux bint C D. Fil-fatt, l-intimata permezz tal-affidavit taghha[2] tiddikjara li z-zwieg taghha minn mal-intimat C D gie dikjarat null u bla effett fil-ligi fis-sena 2007. *Stante* li l-minuri twieldet ferm qabel id-data tad-dikjarazzjoni tan-nullita’ msemmija u proprju minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri giet mnizzla bhala l-wild naturali tal-intimat C D u xejn aktar, tant li z-zewg irgiel jirrikonoxxu li l-istess minuri hija fil-verita’ l-wild naturali tar-rikorrent. Ghalhekk permezz ta’ din il-kawza r-rikorrent qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-imsemmi C D m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 5 tal-process
[2] Esebit a fol 34 tal-process

minuri billi l-konnotati ta' C D jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati tieghu bhala l-missier.

L-intimat C D, minkejja li gie debitament notifikat bl-atti, baqa' ma prezenta ebda risposta guramentata u konsegwentement huwa kontumaci f'dawn il-proceduri.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u cioe' l-eccezzjoni li din il-kawza kellha tkun preceduta minn rikors *ai termini* tal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tirrileva li din l-eccezzjoni giet survolata permezz ta' rikors datat 25 ta' Gunju, 2014, liema rikors gie milqugh permezz ta' digriet datat 26 ta' Gunju, 2014.

Min-naha tieghu, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma jressaq ebda eccezzjonijiet ohra ta' natura preliminari u konsegwentement, kollox idur fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri hija l-wild naturali tieghu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 77A u 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrent jiddikjara li minkejja li l-minuri N D twieldet fiz-zwieg bejn l-intimata u zewgha C D fil-verita' tali tarbija hija l-wild naturali tieghu.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[3] ir-rikorrenti rnexxilu jipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri msemmija verament hija l-wild naturali tieghu. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit

[3] Esebit mar-rikors promotur a fol 6 tal-process

taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, It-test xjentifiku hekk kif ikkonfermat bil-gurament jeghleb kull presunzjoni legali relatata mal-paternita' u trabi mnissla fiz-zwieg u jelimina kull dubju dwar l-istess paternita'. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il- Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri hija l-wild naturali tar-rikorrent u mhux tal-intimat C D.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri N D huwa r-rikorrent A B u mhux l-intimat C D;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri b'dan illi l-konnotati ta' C D ghandhom jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati u dettalji:

Kunjom it-tarbija ghandu jkun dak ta': B

Isem u kunjom il-missier: A B

Karta tal-identita' tal-missier: 532790M

Eta' tal-missier: 29

Post tat-twelid tal-missier: Pieta'

Post tar-residenza tal-missier fiz-zmien it-twelid tal-minuri: Swieqi

Isem u kunjom il-missier (tal-missier): Carmelo B li kien haj fiz-zmien tat-twelid tal-istess minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimata H K.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------